MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1623/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u inrappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Andre` Grech u l-istess Andre` Grech**

**vs**

**Ritienne Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Awissu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm120.20) u fejn intqal:
Illi l-atturi jitolbu li l-konvenuta tigi ddikjarata responsabbli tal-incident li sehh fl-10 ta' Lulju 2002 fi**

**Vjal ir-Rihal, San Gwann, waqt li l-istess konvenuta kienet qed issuq l-vettura RTN-177 propjeta' ta' Salvina Muscat u dahlet gol-vettura ta' Andre` Grech numru ta' registrazzjoni MML-101 li kienet misjuqa minn Francesco Degabriele; u**
**Illi l-atturi jitolbu ukoll li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm120.20) cioe` in kwantu ghal mija u tmien liri Maltin u sebghin centezmu (Lm108.70) ghas-somma ta' danni li l-attur Montaldo Insurance Agency Ltd. hallas in linea ta' danni ghall-istess incident lil Andre` Grech ii huwa assigurat mieghu taht polza tip Comprehensive u in kwantu ghal hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) li thallsu ghas-survey report.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri kontra s-socjeta` assigurattrici tal-konvenuta u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Ritienne Muscat prezentata fl-10 ta' Settembru, 2003, fejn intqal :**
**Illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez kontrihom ghax ghall-incident stradali « de quo » ma kienetx tahti l-eccipjenti ;**

**Ra d-digriet tas-16 ta' Settembru, 2003, fejn it-Tribunal ordna li l-avvizi numru 462/03/JR fl-ismijiet "Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Francesco Degabriele" u l-avviz odjern jinstemghu kontestwlament, bil-provi jghoddu ghaz-zewg avvizi.**

**Semgha x-xhieda ta' David Debono u x-xhieda migjuba fl-avviz numru 462/03JR. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Francesco Degabriele" moghtija illum u ghall-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet maghmula f'dik il-kawza li japplikaw ukoll ghal dan il-kaz, in kwantu ghall-incident imsemmi l-konvenuta Ritienne Muscat kienet responsabbli fi grad ta' kwart filwaqt li Francesco Degabriele kien jahti fi grad ta' tlett kwarti.**
**2. Id-danni reklamati mill-atturi jammontaw ghall-mija u ghoxrin lira u ghoxrin centezmu (Lm120.20), u dawna jirrizultaw pruvati mid-dokumenti esebiti. Ghalhekk peress illi l-konvenuta kienet biss responsabbli fi grad ta' kwart jigi li din ghandha thallas lill-atturi is-somma ta' tletin lira u hames centezmi (Lm30.05).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident de quo fi grad ta' kwart, jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' tletin lira u hames centezmi (Lm30.05) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-kwart mill-konvenuta u tlett kwarti mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------